

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000114/2016

lill-Kummissjoni

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

Barbara Spinelli, Marie-Christine Vergiat, Cornelia Ernst, Patrick Le Hyaric

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Judith Sargentini, Ulrike Lunacek

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Cecilia Wikström, Nathalie Griesbeck, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Louis Michel, Marielle de Sarnez

f'isem il-Grupp ALDE

Péter Niedermüller, Tanja Fajon, Soraya Post, Ana Gomes

Suġġett: Is-sitwazzjoni fl-Ungerija: ir-referendum u r-rispett għad-dritt Ewropew u internazzjonali fil-qasam tal-asil

Nhar l-10 ta' Ġunju 2015, il-Parlament adotta riżoluzzjoni fil-plenarja dwar is-sitwazzjoni fl-Ungerija fejn qajjem tħassib dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiż, u appella lill-Kummissjoni biex tattiva l-ewwel stadju tal-qafas għall-istat tad-dritt billi twettaq proċess ta' monitoraġġ fil-fond. Fir-riżoluzzjoni tiegħu, il-Parlament ikkundanna wkoll il-konsultazzjoni pubblika dwar il-migrazzjoni u l-kampanja ta' billboards relatati madwar il-pajjiż immedija mill-Gvern Ungeriż, waqt li saħaq fuq il-fatt li l-kontenut kien qarrieqi u la kien imparzjali u lanqas ibbilanċjat. Il-kampanja ta' EUR 16-il miljun li wasslet għar-referendum tat-2 ta' Ottubru 2016 inkludiet billboards u ktejjeb ta' 18-il paġna li ppreżentaw fatti mimlija tagħwiġ dwar dawk li qed ifittxu asil u l-migranti, waqt li rrapprezentawhom bħala perikolużi għall-ġejjieni tal-Ewropa, billi kkollegaw il-migrazzjoni ma' żieda fit-terroriżmu u semmew li, f'xi bliet Ewropej, hemm żoni perikolużi (li fil-fatt ma jeżistux) fejn l-aċċess mhux irrakkomandat. Fir-rigward tal-liġi dwar l-asil, f'Diċembru 2015, il-Kummissjoni fetthet proċedura ta' ksur li tikkonċerna l-leġiżlazzjoni Ungeriża dwar l-asil li kienet għadha kif ġiet adottata, fejn indikat l-inkompatibilità ta' din il-leġiżlazzjoni mad-dritt tal-UE. Fl-2016 seħħew żviluppi ġodda fil-leġiżlazzjoni dwar l-asil fl-Ungerija, speċifikament bid-dħul fis-seħħ nhar il-5 ta' Lulju 2016 ta' liġi li tippermetti li l-persuni li jinstabu li daħlu fil-pajjiż irregolarment jiġu respinti, b'mod li spiss ikun vjolenti, skont l-organizzazzjoni Human Rights Watch. Il-gvern nieda wkoll kampanja ta' reklutaġġ ta' "kaċċaturi mal-fruntieri". Barra minn hekk, il-liġi ta' Settembru 2015 li stabbilixxiet żoni ta' tranżitu u limitu massimu ta' kuljum fuq l-għadd ta' persuni li qed ifittxu asil li jifhallow jidħlu qed iġġiegħel lil ħafna persuni vulnerabbli jqattgħu ġimgħat jistennew f'kundizzjonijiet ħżiena mal-fruntiera Serba.

1. Tista' l-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament bil-valutazzjoni tagħha tal-kampanja tal-Gvern Ungeriż li wasslet għar-referendum tat-2 ta' Ottubru 2016, inkluża l-kompatibilità tagħha mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mad-dritt kontra d-diskriminazzjoni mnaqqax fid-dritt tal-UE u dak internazzjonali?
2. Tista' tipprovdi lill-Parlament bil-valutazzjoni tagħha tal-kompatibilità tal-leġiżlazzjoni Ungeriża attwali dwar l-asil, inkluża l-liġi l-ġdida tal-5 ta' Lulju 2016, mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali?
3. Taħseb li l-prattiki li qed jiġu rrapportati ta' abbuż mill-pulizija kontra l-persuni li qed ifittxu asil huma konsistenti mad-dritt tal-UE, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE?
4. X'azzjoni qed tippjana li tiegħu biex tindirizza din is-sitwazzjoni?

Imressqa: 26.9.2016

Mgħoddija: 28.9.2016

L-iskadenza għat-tweġiba: 5.10.2016